# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 t'April, 2019.**

**Rikors Numru 804/2016 SM**

**Marc Stanley Shandler**
**(K.I. 40042 A)**

**vs.**

**Audrey Abela Shandler**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-14 ta' Settembru, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi kien sellef lill-intimata *brevi manu* is-somma ta' ghoxrin elf euro, (€20,000.00), *tramite* pagamenti effettwati fil-perjodu bejn Dicembru 2012 u Jannar 2013;

1.2. Illi minkejja li interpellata diversi drabi biex thallas lura dan l-ammont, inkluz b'ittra ufficjali datata t-23 t'April, 2015, l-intimata baqghet inadempjenti;

1.3. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.3.1. Tiddikjara li l-intimata hi debitrici tar-rikorrenti fl-ammont t'€20,000.00;

1.3.2. Tordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma fuq indikata lilha minnu mislufa;

1.3.3. Bl-ispejjez, inkluz dik tal-ittra ufficjali fuq riferita;

2. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Settembru, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 4);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-14 t'Ottubru, 2016, li permezz taghha l-intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 10):

3.1. Illi hi mhix il-legittimu kontradittrici ghall-imsemmija talbiet u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3.2. Illi r-rikorrenti m'ghandu jiehu xejn ghaliex is-somma minnu mislufa lil *Alternative Restaurants Limited* (C – 35099) ghaliex hu gia` gie mhallas ghas-saldu tal-istess ammont bi tpacija;

3.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghalhekk ghandhom jigu respinti;

3.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.5. Salv risposti ulterjuri;

4. Semghet ix-xhieda prodotta;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti nkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

6. Rat il-verbal datat l-20 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jipproducu u talbu li jittrattaw il-kaz verbalment, (ara fol 51);

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datata d-9 t'Ottubru, 2018, (ara foll 62);

Ikkunsidrat:

8.0. Illi minn ezami tar-rizultanzi prodotti *in atti* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi r-rikorrenti kien jahdem bhala "*general manager*" mas-socjeta` *Alternative Restaurants Limited*, (ara foll 16 u 19);

8.2. Illi s-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti kienet tiggestixxi r-*restaurant* bl-isem *Point de Vue*, (ara foll 16 u 19), flimkien ma zewgha Ian Joel Shandler, li miet fl-2008, (ara foll 44);

8.3. Illi l-imsemmi Ian Joel u r-rikorrenti Marc huma ahwa, (ara foll 43);

8.4. Illi l-imsemmi Ian Joel kien gab lil huh jahdem fl-imsemmi *restaurant* u impjegah bhala "*general manager*", (ara foll 43);

8.5. Illi r-rikorrenti jsosstni li wara li miet huh Ian Joel, hu sellef €20,000.00 lill-intimata bhala investiment zghir fl-imsemmija intrapriza, (ara foll 16);

8.6. Illi in sostenn tal-allegazzjoni ta' self minnhu sottolineat, ir-rikorrenti ipprezenta r-rendikont bankarju li juri li l-pagamenti in dizamina gew mghoddija lill-intimata fi tliet

(3) transazzjonijiet, (ara foll 23, 24 u 25);

8.7. Illi skont ir-rikorrenti, l-intimat hallsitu sitt (6) mitt euro, (€600.00), ekwivalenti ghal sitt (6) xhur interessi, (ara foll 39);

8.8. Illi n-negozju in dizamina, gestit mill-intimata bhala direttur tal-istess, (ara foll 16), ma kienx sejjer tajjeb u effettivament ghalaq fl-2013, (ara foll 17 u 45);

8.9. Illi l-istess intimata ssosstni li awtorizzat lir-rikorrenti u lis-socjeta` tieghu biex jiehdu li jridu mir-*restaurant* in dizamina inkluz l-isem, l-avjament, il-*menus* u affarijiet ohra, (ara foll 45);

8.10. Illi ghalkemm ir-rikorrenti offra lill-intimata biex ihallasha l-ammont gust tal-istess oggetti riferiti fil-paragrafu precedenti, (ara foll 26 sa 28), l-intimata baqghet ma irrispondietx ghall-offerta skritta lilha hekk maghmula, (ara foll 17);

8.11. Illi ghalkemm allegatament interpellata biex thallas l-ammont lilha misluf mir-rikorrenti, l-intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 1);

8.12. Illi ghandu jigi sottolineat li ghalkemm ir-rikorrenti jafferma li ghamel l-imsemmija talba permezz t'ittra ufficcjali datata l-23 t'April, 2015, (ara foll 1), din l-ittra ma tirrizultax li giet pprezentata *in atti*;

8.13. Illi apparti li l-intimata eccepiet preliminarjament li hi mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti, fil-mertu sintetikament issottolineat li, (ara foll 10):

8.13.1. Ir-rikorrenti m'ghandu jiehu xejn;

8.13.2. Is-somma in dizamina kienet mislufa lis-socjeta` *Alternative Restaurants Limited*;

8.13.3. Ir-rikorrenti gia` gie mhallas ghas-saldu bi tpacija;

8.14. Illi l-intimata tissottolinea fix-xhieda taghha ipprezentata *tramite* dikjarazzjoni guramentata li kienet qabblet mar-

rikorrenti li tibda thallsu mitejn euro (€200.00), mensilment bhala "*return*" fuq l-investiment li kien ghamel, (ara foll 45);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari sottomessa mill-intimata rigwardanti l-allegazzjoni taghha li **mhix il-legittimu kontradittur**, jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Francis Felice et vs. Anthony Pisani**, datata it-**18 t'April, 2013**, fejn gie ritenut fir-rigward is-segwenti:

> "Ir-resokont f'termini guridici tal-premess, meta applikati ghall-kaz tal-lum, ghandu jfisser illi bil-fatt biss illi fir-raba' eccezzjoni, il-konvenut ghazel *motu proprio* li jeccepixxi t-tpacija dak ghandu jfisser illi l-konvenut kien qieghed jaccetta illi huwa debitur tal-attur";

9.2. Illi in vista tas-suepost l-eccezzjoni preliminari in dizamina ghandha tigi respinta *stante* li logikament tikkontrasta mat-tieni (2) eccezzjoni intavolata mill-istess intimata, (ara foll 10);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi fir-rigward tat-tieni (2) eccezzjoni tal-intimata li ghas-somma mislufa mir-rikorrenti dan kien gia` thallas ghas-saldu bi **tpacija** jinghad sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Perit Vincent Cassar *nomine et* vs. Nicholas *sive* Lino Debono *et***, datata t-**22 ta' Marzu, 2005**, li esponiet riassunt erudit tal-principji guridici li jirregolaw l-istitut tat-tpacija li ghall-ahjar kjarezza qed jigi sottolineat hawn taht:

> "Illi t-tpacija hi meqjuza mill-ligi bhala wahda mill-modi kif tispicca obbligazzjoni. It-tpacija ssehh meta tnejn

min-nies ikunu debituri lejn xulxin, u ssehh bis-sahha tal-ligi nnifisha wkoll jekk minghajr l-gharfien tad-debituri nfushom, b'mod li hekk kif ikunu jezistu **zewgt idjun fi zmien** wiehed joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs. Hu siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh li, fit-tpacija, "*i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge ...*"

"Illi t-tpacija tista' titqies bhala hlas reciproku li jitfi z-zewg obbligazzjonijiet, (jekk ikunu ndaqs), fl-istess waqt. Jekk kreditu wiehed ikun akbar mill-iehor, it-tpacija ssehh sal-ammont tal-anqas wiehed u l-obbligazzjoni tibqa' skont kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'l dak li jkun icken;

"Illi l-ligi taghna taghraf zewg ghamliet ta' tpacija: dik *ex lege* u dik konvenzjonali, li ma toqghodx ghar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Biex tista' ssehh it-tpacija legali jehtieg jintwera li:

"(a) jkun hemm zewg djun fl-istess waqt, (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur);

"(b) li jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin;

"(c) li jkunu omogenji, (jigifieri, jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli);

"(d) li jkunu likwidi jew jistghu jkunu likwidati bla tahbit kbir u jkunu certi wkoll, f'dik li hija kwantita`; u

"(e) li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu;

"Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tishaq li biex issehh it-tpacija jehtieg li tintwera "*l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito*".

Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, inghad b'awtorita` interpretativa li "*La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe` in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo` parlarsi di compensazione in senso tecnico*";

10.2. Illi *di piu`* ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Joseph Camilleri *nomine vs. Trebee Company Limited*** datata l-**5 ta' Lulju, 2017**, fejn gie ritenut ukoll fir-rigward li:

> "... biex tali difiza tkun tista' treggi, l-ammont reklamat bit-tpacija jrid ikun cert, likwidu u dovut";

Ikkunsidrat:

11. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* jirrizulta pacifiku li r-rekwiziti biex issehh it-tpacija rikjamata mill-intimata ma jezistux *stante* li l-ammont li l-intimata ssosstni li gie pacut, (ara foll 10), ma jirrizultax li hu wiehed cert, likwidu u dovut, u dan, anke minhabba l-fatt li lil din il-qorti ma jirrizultaliex mill-atti li l-intimata irrispondiet ghall-korrispondenza lilha mibghuta mir-rikorrenti fejn stedinha taccetta l-ammont minnhu meqjus gust ghall-oggetti minnhu mehuda, (ara foll 26 sa 28);

12. Illi konsegwentement, fin-nuqqas t'indikazzjoni cara li fuqha l-qorti tkun tista' tasal ghal-likwidazzjoni tal-ammont allegatament dovut mir-rikorrenti lill-intimata biex tkun tista' ssehh it-tpacija vantata, l-eccezzjoni minnha vantata ma tistax tigi akkolta;

13. Illi jigi f'dan l-istadju sottolineat li fir-rigward kien jispetta lill-intimata biex tissostanzja l-eccezzjoni minnha stess prodotta u

dan, b'figuri konkreti li jippermettu lill-qorti tikkonsidra l-istess eccezzjoni in dizamina u mhux li tippretendi li tkun l-istess qorti li tasal ghal figura hi – anke fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni legali u legittima fir-rigward;

14. Illi ghalhekk, anke t-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

15. Illi *di piu`* jigi wkoll sottolineat li mill-istess ittra datata s-17 ta' Settembru, 2013, (ara foll 22), mibghuta mill-intimata lill-bank ta' fiducja taghha, jirrizulta assodat li effettivament ir-rikorrenti veru sellef lill-intimata l-ammont minnhu rikjamat permezz tal-procedura in dizamina kif minnha stess hemmhekk ammess;

16. Illi konsegwentement, anke t-tielet (3) eccezzjoni sollevata mill-intimata, (ara foll 10), ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

17.1. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

17.2. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimata;

17.3. Tiddikjara li l-intimata hi debitrici tar-rikorrenti fl-ammont t'ghoxrin elf euro, (€20,000.00);

17.4. Tordna lill-intimata biex thallas is-somma indikata fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti;

17.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimata.

____________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**